

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-11 ta' Ġunju 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Vestre Landsret – id-Danimarka) – Skatteministeriet vs Baby Dan A/S

(Kawża C-272/14)⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Unjoni doganali u tariffa doganali komuni — Nomenklatura magħquda — Klassifikazzjoni tariffarja — Intestaturi 7318 u 8302 — Oġġett speċjalment maħsub għall-fissazzjoni ta' kanċelli ta' sigurtà intiżi għall-protezzjoni tat-tfal)

(2015/C 270/14)

Lingwa tal-kawża: id-Daniż

Qorti tar-rinviju

Vestre Landsret

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Skatteministeriet

Konvenuta: Baby Dan A/S

Dispożittiv

In-nomenklatura magħquda li tidher fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana, fil-verżjonijiet tiegħu li jirriżultaw suċċessivament mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1214/2007, tal-20 ta' Settembru 2007, u mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1031/2008, tad-19 ta' Settembru 2008, għandha tiġi interpretata fis-sens li oġġett, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jippermetti l-iffissar ma' ħajt jew mal-qasas tal-bieb jew tat-tieqa ta' kanċelli ta' sigurtà għat-tfal li jistgħu jitneħħew, għandu jiġi kklassifikat fl-intestatura 7318 tan-nomenklatura magħquda.

⁽¹⁾ ĠU C 253, 4.08.2014.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesarbeitsgericht (il-Ġermanja) fit-12 ta' Mejju 2015
– Betriebsrat der Ruhrlandklinik gGmbH vs Ruhrlandklinik gGmbH**

(Kawża C-216/15)

(2015/C 270/15)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesarbeitsgericht

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Betriebsrat der Ruhrlandklinik gGmbH

Konvenuta: Ruhrlandklinik gGmbH